# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tnejn 29 ta' April, 2024**

**Rikors Ġuramentat.: 84/2024 MH**

**Numru:**

**Av. Louis Cassar Pullicino bħala mandatarju speċjali għan-nom tal-assenti:**

**(i) Daniel Conway**

**(ii) Paul Allen and**

**(iii) David Hudson**

**ta' FRP Advisory Trading Ltd fil-kapaċità tagħhom bħala *Joint Special Administrators* ta' Monneo Ltd (*in amministrazzjoni speċjali*)**

**vs**

**Av. Kris Borg bħala l-mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' Monneo Ltd (*in amministrazzjoni speċjali*), entità estera mwaqqfa taħt il-liġijiet tal-Ingilterra.**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors promotur ta' l-Avukat Louis Cassar Pullicino (KI 441061M) *nominee* fejn ġie premess illi:-**

1. *Illi dan ir-rikors qed jiġi ppreżentat ai termini tal-Artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tiġi rikonoxxuta u infurzata Malta Special Administration Order u ċioè sentenza tal-High Court, Justice Business and Property Courts of England And Wales, tat-30 ta' Mejju 2023 wara proċeduri bin-numru CR-2023-002766 (is-"**Sentenza**"), liema Sentenza poġġiet is-soċjetà intimata Monneo Ltd f'amministrazzjoni speċjali fit-30 ta' Mejju 2023 u appuntat it-tliet rikorrenti Daniel Conway, Paul Allen u David Hudson ta' FRP Advisory Trading Ltd bħala l-joint special administrators. Kopja ċċertifikata tas-Sentenza hija annessa hawn taħt u mmarkata bħala **Dok R-001;***
2. *Illi s-Sentenza, bħala sentenza mogħtija minn qorti kompetenti, saret res judicata u ma tressaq l-ebda appell minnha;*
3. *Illi skont is-Sentenza kif ukoll il-liġi Ingliża bħala l-liġi applikabbli, meta s-Special Administrators jiġu appuntati, il-proprjetà kollha tal-kumpannija li tqegħdet fil-proċedura ta' amministrazzjoni speċjali tiġi taħt il-kontroll u l-poteri tagħhom, u dan skont Section B1 tal-Insolvency Act 1986 tal-Ingilterra (l-"**Att**"), kif ukoll il-Payment and Electronic Money Institution Insolvency (England and Wales) Rules 2021 (ir-"**Regoli**");*
4. *Illi ankè assi sitwati barra mit-territorju tar-Renju Unit jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-entità fil-proċedura ta' Special Administration, u jaqaw taħt il-kontroll tal-Joint Special Administrators sakemm is-Sentenza tiġi tikonoxxuta u reġistrata mill-qrati tal-pajjiżi fejn dawk l-assi jinsabu, u dan kif ser jiġi ppruvat matul din il-kawża;*
5. *Illi l-Joint Special Administrators għandhom interess li s-Sentenza tiġi reġistrata u rkonoxxuta Malta, billi jafu b'xi assi ta' Monneo Ltd li jinsabu ġo kontijiet ma' Sparkasse Bank Malta Plx ta' 101, Townsquare, ix-Xatt ta' Qui Si Sana, Sliema SLM 3112, Malta, u li jaqaw taħt il-kontroll tagħhom (il-"**Proprjetà**");*
6. *Illi din l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) kellha l-opportunità tirrikonoxxi Bankruptcy Order f'sitwazzjoni simili fil-proċeduri fl-ismijiet L-Avukat Dottor Louis Pullicino bħala mandatarju speċjali għan-nom u in*

*rappreżentanza ta' Keith Jefferey Algie u Mark John Wilson ta' RSM UK Restructuring LLP vs L-Avukat Dottor Yanika Bugeja nominee, bin-numru ta' referenza 1155/2022 DC datata 22 ta' Mejju 2023;*

7. *Illi għalhekk dan ir-rikors qed jiġi ppreżentat sabiex is-Sentenza tiġi reġistrata u rikonoxxuta Malta skont il-liġi applikabbli, u sabiex il-poteri tal-Joint Special Administrators taħt il-liġi Ingliża jiġu rikonoxxuti u inforzati fir-rigward tal-Proprjetà li tinsab Sparkasse Bank kif ukoll kwalunkwe assi oħrajt li Monneo Ltd (in amministrazzjoni speċjali) jista' jkollha Malta.*

*GĦALDAQSTANT u fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrent nomine umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, salv kwalunkwe digriet jew ordni oħra li jidhrilha xierqa u opportun:*

i. *Tiddikjara reġistrata u konsegwentement tordna r-rikonoxximent u l-infurzar f'Malta tas-Sentenza datata 30 ta' Mejju 2023 tal-High Court, Justice Business and Property Courts tal-Ingilterra, f'proċeduri bin-numru CR-2023-002766 skont Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħallikieku kienet sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti;*

ii. *Tiddikjara u tordna għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi illi l-pussess tal-Proprjetà u ċioè l-assi li jinsabu ġo kontijiet miżmuma ma' Sparkasse Bank Plc, kif ukoll kwalunkwe assi oħrajn li jappartjenu lil Monneo Ltd li jinsabu fit-territorju Malti, jinsabu vestiti fir-rikorrent nominee qua Joint Special Administrators.*

*Bl-ispejjeż.'*

Rat id-digriet tagħha datat 26 ta' Frar, 2024.[1]

Rat li l-intimati nomine debitament notifikat naqas li jirrispondi għal istess talba.

Rat ukoll li fil-mori tas-smiegħ ġiet esebita opinjoni legali, affidavit, fir-rigward tat-talba rilaxxata minn Melanie Barbara Louise Leigh, solicitor, u mmarkata bħala Dok. A.

[1] Folio 9

Ikkunsidrat.

Illi f'dan ir-rigward rat is-sentenza ġia msemmija mir-rikorrenti fl-ismijiet **L-Av.Dott. Louis Cassar Pullicino nomine vs L-Av. Dr. Yanika Bugeja et.**[2]

*"Illi dwar l-artikolu 826 fuq ċitat u dwar kif għandu jigi applikat, il-Qorti talAppell qalet hekk il-Qorti qalet hekk dwar l-inghad hekk :-:*

*'… … meta ssir talba ghall-esekuzzjoni ta` sentenza ta` qorti estera l-indagini li trid issir mill-qorti lokali ma tridx tkun koncernata bil-mertu tal-proceduri quddiem il-qorti estera li wassal ghal dik is-sentenza ghax altrimenti l-qorti li tkun giet mitluba li taghti esekuzzjoni lil dik is-sentenza tkun qed tassumi poteri li ma kienux intizi bid-dispost tal-Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12. F`dawn ic-cirkostanzi kull ma hu rikjest mill-Qorti ta` Malta hu li tassigura li dik is-sentenza ma tkunx, (a) tista` tigi attakkata ghal xi raguni li, skond il-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, taghti lok ghar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artkolu 811 tal-Kap 12, (b) li f`kaz ta` sentenza moghtija fil-kontumacja, jekk il-partijiet ma kienux kontumaci skond il-ligi barranija, u (c) li dik is-sentenza ma jkunx fiha xi disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta` Malta[3] .'*

*Illi aktar minn hekk il-Qorti ta'l-Appell esprimiet ruħha ukoll fis-sens li l-eċċezzjonijiet ghar-rikonoxximent u konsegwenti ezekuzzjoni ta'sentenza estera imsemmija f'l-rtikolu 827, m'għandomx jitqajjmu ex officio imma l-Qorti għandha tevalwa r-rekwiezieti elenkati f'l-artikolu 827 biss jekk titqajjem xi eċċezzjoni f'dak is-sens mill-partijiet.*

*'Din il-Qorti ma tahsibx li, ghall-fini ta' l-artikolu 826, Qorti mitluba tesegwixxi sentenza estera, ghandha tissolleva sua sponte difiza fit-termini ta' l-Artikolu 827, ghax mhux xoghol il-Qorti li tinvestiga hi jekk hemmx xi ostakolu ghall-infurzar tas-sentenza estera[4]" .*

[2] Deċiża 22/5/2022DC rikors 1155/2022DC

[3] Ref Schoeller International Gmbh vs Ellul et deċiżż f'l-10 ta' Mejju 2005

[4] 3 Ref Avv Dr Christian Farrugia noe vs Peter Blond International Ltd deċiża 31 ta' Ottubru 2008.

Ingħad ukoll fuq l-istess tema fid-deċiżjoni fl-ismijiet **L-Avukat Rita Mifsud noe vs Caherine Rachel Barrets**[5] li-:

*"Rigwardanti l-Artikolu 827, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża Av Dr. Joseph Zammit McKeon nomine vs. Laferla Insurance Agency et deċiża fil-25 t'Ottubru 2013 iriteniet li: "L-Artikolu 826 jibda biex jenuncja l-principju illi sentenzi moghtija minn Qorti kompetenti estera "jistghu jigu esegwiti mill-Qorti kompetenti ta' Malta, bhas-sentenzi moghtija f'Malta". L-Artikolu 827 isegwi billi jghid meta ma jistax isir dan. Dawn l-eccezzjonijiet kif kontemplati fl-Artikolu 827 huma mhux biss ta' interpretazzjoni stretta, izda huma "exhaustive", fis-sens li l-Qorti ma tistax tirrifjuta l-esekuzzjoni ta' sentenza estera ghal xi raguni mhux kontemplata f'dan l-artikolu. Qorti Maltija mitluba tesegwixxi sentenza ta' pajjiz barra mill-Unjoni Ewropea, trid issegwi dawn ir-regoli stretti u limitatissimi. Il-funzjoni tal-Qorti Maltija hi li tordna lesekuzzjoni tas-sentenza estera sakemm ma jigix ippruvat a sodisfazzjon taghha xi wahda jew aktar mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 827 imsemmi. Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terga' tiftah il-meritu talkwistjoni deciza bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu talQorti la li tghaddi gudizzju fuq il-kompatibbilita` tal-ligi estera malOrdinament Guridiku Malti u lanqas li tqabbel il-ligi estera ma' dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta' pajjiz li ghandu ligijiet differenti minn ta' Malta. Il-principju internazzjonali ta' "comity of nations" ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-Artikolu 827. Hu biss meta ssentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-ligi estera, tkun kuntrarju ghall- 5 ordni pubbliku jew ghal-ligi pubblika interna ta' Malta, li Qorti lokali tista' tirrifjuta li tesegwixxi dik is-sentenza estera.*

*[...]*

*Mhux kull ligi Maltija trid bilfors tkun rispettata mill-Qrati esteri. F'kawza ohra Ingliza, Scarman J. qal li "an English Court will refuse to apply a law which outrages its sense of justice and decency" ("In the Estate of Fuld (No, 3)" 1968). Il-fatt li pajjiz esteru ghandu principji ta' dritt differenti minn dawk lokali ma jtellfux mill-enforzar taghha, sakemm ma jolqtux issens ta' gustizzja ta' dak il-pajjiz, tant li, per ezempju, fl-Ingilterra, sentenza estera giet enforzata avolja kienet tmur kontra l-kuncett ta' "consideration", tant importanti fil-ligi Ingliza fuq il-kuntratt ("Re Bonacina" 1912). Huwa biss "where the fundamental conceptions of English justice are disregarded" (ibid. pagna 149), jew meta s-sentenza estera*

[5] P.A. rikors ġur. 1200/2022 deċiża 21/11/2023

*tolqot "dei valori fondamentali della societa`" (Galgano "Diritto Privato" 2 ediz. p. 251), li Qorti lokali trid toqghod attenta qabel ma tenforza sentenza estera."*

*9. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża* ***Avv Dr Christian Farrugia noe vs. Peter Blond International Ltd deċiża*** *31 ta' Ottubru 2008 qieset li l-eċċezzjonijiet għar-rikonoxximent u konsegwenti eżekuzzjoni ta' sentenza estera imsemmija fl-Artikolu 827, m'għandhomx jitqajmu ex officio imma lQorti għandha tevalwa r-rekwiżiti elenkati fl-imsemmi artikolu biss jekk titqajjem xi eċċezzjoni f'dak is-sens mill-partijiet: "Din il-Qorti ma tahsibx li, ghall-fini ta' l-Artikolu 826, Qorti mitluba tesegwixxi sentenza estera, ghandha tissolleva sua sponte difiza fittermini ta' l-Artikolu 827, ghax mhux xoghol il-Qorti li tinvestiga hi jekk hemmx xi ostakolu ghall-infurzar tas-sentenza estera."*

Ikkunsidrat

Rat is-sentenza tal-High Court Of Justice Business and Property Courts of England and Wales Insolvency and Companies List datata 30 ta' Mejju, 2023.

Rat li għat-talba kif avvanzata ma tressqet ebda oġġezzjoni skont il-liġi kif hawn fuq ċitat.

Konsegwentement qegħda tilqa kif dedotta u;

i. Tiddikjara reġistrata u konsegwentement tordna r-rikonoxximent u l-infurzar f'Malta tas-Sentenza datata 30 ta' Mejju 2023 tal-High Court, Justice Business and Property Courts tal-Ingilterra, f'proċeduri bin-numru CR-2023-002766 skont Artikolu 826 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bħallikieku kienet sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti;

ii. Tiddikjara u tordna għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi illi l-pussess tal-Proprjetà u ċioè l-assi li jinsabu ġo kontijiet miżmuma ma' Sparkasse Bank Plc, kif ukoll kwalunkwe assi oħrajn li jappartjenu lil Monneo Ltd li jinsabu fit-territorju Malti, jinsabu vestiti fit-rikorrent nominee qua Joint Special Administrators.

Bl-ispejjeż għal intimati noe

**Onor. Miriam Hayman L.L.D**

**Imħallef**

**Maraya Aquilina**

**Dep Reg.**